**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 198/2016**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Malone Debono**

Illum, 23 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat id-denunzja magħmula mill-Uffiċjal Sorveljanti Maria Mifsud tal-04 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha ressqet denunzja fit-termini ta'l-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-appellant li naqas milli jobdi l-Ordni ta' Superviżjoni imposta fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-14 ta' Lulju 2020 fejn wara sejbien ta' ħtija għar-reati li dwarhom kien mixli f'dawk il-proċeduri kien ikkundannat għal piena ta' ħmistax-il xahar priġunerija, li bis-saħħa tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, kienu sospiżi għal żmien tlett snin u fejn huwa tqiegħed taħt Ordni ta' Superviżjoni ukoll għal tlett snin fit-termini tal-artikolu 28G tal-Kap.9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28G(9) tal-Kodiċi Kriminali, kienet sodisfatta illi d-denunzjat Malone Debono naqas milli jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' Superviżjoni mposta fuqu bis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju

2020 u għaldaqstant ordnat li s-sentenza sospiża (ta' ħmistax-il xahar priġunerija) mogħtija fil-proċeduri li ntemmu bis-sentenza tagħha fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Malone Debono" fid-data msemmija u li fihom saret l-Ordni ta' Superviżjoni mertu ta' din id-denunzja, tibda' sseħħ. L-Ordni ta' Superviżjoni mertu tal-istess sentenza għalhekk waqfet milli tibqa' fis-seħħ.

Rat ir-rikors tal-appellant Malone Debono, ippreżentat fit-18 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati ta' ksur ta' denunzja u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħha u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew alternattivament, sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata in kwantu għall-piena nflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata nhar il-15 ta' Lulju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda ta' Maria Mifsud, Sylvia Muftari, Maria Jones u Stefania Calafato Testa.

Semgħet trattazzjoni limitatament fir-rigward l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju vventilat mill-appellant huwa jqanqal l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*. Jikkontendi illi l-istess *causa petendi* tifforma l-mertu ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Joseph Mifsud nhar is-17 ta' Novembru 2022 fejn hu, *qua* denunzjat, kien diġà ingħata piena fuq l-istess denunzja u għalhekk, in linea mal-prinċipju tan-*ne bis in idem*, isostni li m'għandux jerġa' jiġi ipproċessat fuq id-denunzja magħmula mill-Uffiċjal tal-*Probation* meta huwa kien diġà ġie ittrattat

għal ksur tal-Ordni ta' Superviżjoni mertu ta' dawn il-proċeduri f'proċeduri oħra separati.

Illi, lura fit-13 ta' April 2016, l-appellant mixli li kommetta diversi reati ta' serq, ammetta għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u wara li tħejja *pre-sentencing report* fil-konfront tiegħu, kien misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, presjeduta mill-Maġistrat Natasha Galea Sciberras tal-14 ta' Lulju 2020, u kkundannat għall-ħmistax-il xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin. Oltre dan huwa tqiegħed taħt Ordni ta' Superviżjoni għal tlett snin taħt diversi kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni.

Illi, sussegwentement, fl-04 ta' Jannar 2021 saret denunzja mill-*Probation Officer* Maria Mifsud fejn infurmat lill-Qorti tal-Maġistrati li l-appellant kien naqas milli jżomm kuntatt magħha u mal-aġenziji tas-Sedqa u l-Caritas, ma kellux impjieg regolarizzat u li kien reġa' qed jabbuża mid-droga kokajina. Wara din d-denunzja, l-istess *Probation Officer* Maria Mifsud kompliet taġġorna lill-Ewwel Qorti bl-andament tal-appellant.

Illi, nhar il-25 ta' Jannar 2021, hija nfurmat lill-Ewwel Qorti li l-appellant kien qata' l-kuntatt magħhom, ma kienx qed jaħdem u l-kampjuni tal-urina tiegħu kienu rriżultaw pożittivi għad-droga kokajina. *In oltre*, nhar it-22 ta' Frar 2021, hija nfurmat lill-Qorti li l-appellant kien beda programm ta' *detoxification* ġewwa Dar l-Impenn, kien żamm l-appuntamenti magħha u kien irriżulta fin-negattiv għad-droga.

Jidher illi fil-11 ta' April 2021, l-appellant ikkommetta reati ġodda fejn fost oħrajn kien mixli li ikkommetta dawn ir-reat matul il-perijodu tas-sentenza sospiża infraskritta. Illi, b'sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, l-appellant kien misjub ħati *inter alia* li ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża, mertu ta' dawn il-proċeduri ta' denunzja, fejn kien deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati, preseduta mill-Maġistrat Dr Joseph Mifsud, is-segwenti:

> "**Rigward is-sentenza sospiża tal-Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras tal-14 ta' Lulju 2020, terġa' tibda millum**".

Stante li ma kien indikat ebda terminu ġdid f'dan il-bdil għall-Ordni, din l-Qorti hija għalhekk tal-fehma li t-terminu ta' tlett snin ġie estiż u reġa' beda' jiddekorri minn dakinhar tal-10 ta' Ġunju 2021.

Sadanittant tkomplew il-proċeduri ta' denunzja fejn permezz ta' rapport datat it-22 ta' Ġunju 2021, l-Uffiċjal tal-*Probation* infurmat lill-Ewwel Qorti b'din l-estensjoni tas-sentenza sospiża bis-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021 fejn l-appellant kien ukoll tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation*.

Illi permezz ta' rikors datat it-13 ta' Settembru 2021, l-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud resqet denunzja oħra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, presjeduta mill-Maġistrat Joseph Mifsud, dwar il-ksur tal-istess Ordni ta' Superviżjoni kif estiża minn dik il-Qorti kif presjeduta.

Wara dan tkomplew xorta waħda l-proċeduri odjerni fejn nhar l-10 ta' Novembru 2021, il-*Probation Officer* Maria Mifsud reġgħet xehdet li l-appellant reġa' m'attendix għall-appuntamenti skedati u li l-membri tal-familja tiegħu qalulha li hu ma kienx jinsab fi stat tajjeb. Nhar l-14 ta' Diċembru 2021, il-*Probation Officer* xehdet li l-appellant kien beda jieħu l-kura għad-droga ġewwa l-Isptar Monte Carmeli iżda mbagħad nhar is-7 ta' Marzu 2022, l-appellant kien beda' jattendi programm ġewwa San Blas iżda telaq qabel ma spiċċah. Fl-aħħarnett, nhar l-24 ta' Mejju 2022, hija xehdet li l-appellant kien reġa' ġie arrestat u meta ddaħħal il-ħabs, kien irriżulta pożittiv għad-droga eroina u kokaina.

Ġara illi fil-mori tal-proċeduri tad-denunzja mertu ta' dan l-appell, nhar is-17 ta' Novembru 2022, id-denunzja magħmula quddiem il-Maġistrat Joseph Mifsud ġiet deċiża flimkien ma' żewġ denunzji oħra fejn l-imsemmija Qorti għaddiet biex timponi ammenda ta' €100 għal kull denunzja, liema ammendi jirriżulta li tħallsu mill-appellant.

Illi abbażi ta' dawn il-fatti probatorji l-appellant qed jikkontendi illi ma jistax jkun denunzjat għal darbtejn fuq l-istess ksur u lanqas għalhekk ma tista' l-Qorti titratta

miegħu għal ksur tas-sentenza sospiża u l-Ordni ta' Superviżjoni għal iktar minn darba fuq l-istess fatti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-prinċipju tan-*ne bis in idem* jinsab imħaddan mhux biss fid-dritt penali tagħna u ċioe' fil-Kodiċi Kriminali iżda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illum, bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja dan il-prinċipju jinsab imħaddan ukoll fl-artikolu 50 tac-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* li jaqra hekk:

> **"L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi"**.

Illi, l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra testwalment –

> **"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun soggett ghal kawza ohra."**

Illi, għalhekk, dana l-artikolu jippostula zewġ elementi importanti u ċioe' li fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn il-ġudikabbli jiġi lliberat mill-akkuzi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tiġix sottoposta għal proċeduri ġodda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat, kuntrarjament għal jedd imħares mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja li jitkellmu dwar "ir-reat".

Illi, il-Qrati dejjem applikaw it-test biex wieħed jistabbilixxi jekk hix applikabbli l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, bħala dak iċċitat fid-deċizjoni "Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea" [15.6.1918] fejn intqal li –

> **"un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra . "The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to**

**support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."[1]**

Illi, sentenza oħra li tagħmel esposizzjoni tajba ta' dana il-principju kif jinsab imħaddan fil-liġi tagħna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali hija dik mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin –

> **"... Il-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwa sew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali."**

Illi, kif mistqarr mill-kompjant Imħallef William Harding għar-rigward tat-tħaddim tar-regola *ne bis in idem* –

> **"The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge but founded on the same act."**

Illi, *in oltre*, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet Il-Pulizija kontra George Azzopardi [23 ta' Jannar 2014] ingħad li –

> **"L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghal akkuzi li dwarhom già ghadda in gudikat jekk l-akkuzi godda setghu jigu inkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza." (enfazi ta' dina l-Qorti)**

Illi, spjanat dan l-insenjament ġurisprudenzjali dwar il-prinċipju in dibattitu, huwa determinati għar-riżoluzzjoni ta' dan il-kweżit ta' dritt dak li tiddisponi il-liġi stess fl-artikolu 28B u 28G(9) tal-Kodiċi Kriminali meta jitkellem dwar dawk l-istanzi fejn ikun

[1] Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef Galea Debono) deċiza fis-17 ta' Marzu 2008 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Nicolai Magrin".

hemm il-ksur ta' sentenza sospiża u ukoll ksur ta' Ordni ta' Superviżjoni, fejn jingħad hekk:

> **28B.(1) Meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta'sentenza sospiża, u jew tkun hekk instabet ħatja minn jew quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża, jew sussegwentement tidher jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenza tkun diġà bdiet isseħħ, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ.**
>
> **(2) Jekk ir-reat l-ieħor li jsir matul il-perijodu operattiv ikun wieħed ta' natura involontarja jew jekk, fil-każ ta' xi xorta oħra ta'reat, il-qorti jkun jidhrilha, minħabba fiċ-ċirkostanzi kollha magħdudin il-fatti ta' dak ir-reat ieħor, li ma tkunx ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1), hija tista' tittratta mal-ħati b'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin:**
>
> **....**
>
> **(ii) tista' b'ordni tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm speċifikat tagħmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil.**

Issa jidher illi l-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Mifsud, applikat din id-dispożizzjoni tal-liġi fil-konfront tal-appellant meta tul il-mori tad-denunzja huwa kien mixli bil-kummissjoni ta' reati ġodda u wkoll tas-sentenza sospiża. Dan qed jingħad għaliex dik il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha dwar l-imputazzjoni marbuta mal-ksur tas-sentenza sospiża ma imxietx strettament mal-proċedura mfassla f'din id-dispożizzjoni tal-liġi billi la ndikat xi motiv li wassalha sabiex ma titrattax mal-appellant u ġġib fis-seħħ dik is-sentenza, u lanqas tindika fil-bdil li hija tagħmel għal perijodu operattiv tas-sentenza sospiża, l-perijodu operattiv il-ġdid kif ukoll jekk b'daqshekk kienitx qed tkun estiża ukoll l-Ordni ta' Superviżjoni. Dan magħdud madanakollu il-Qorti tifhem li fil-fatt dik il-Qorti ma attivat is-sentenza sospiża u estendiet l-istess kif ukoll l-Ordni ta' Superviżjoni għal tlett snin oħra dekorribbli mid-data tas-sentenza. Illi sussegwentement l-Uffiċjal tal-*Probation* resqet l-istess denunzja fuq din l-Ordni ta' Superviżjoni quddiem il-Maġistrat Mifsud ukoll, kif diġà ingħad.

Illi meta ssir id-denunzja għal ksur tal-Ordni ta' Superviżjoni, il-Qorti tista' titratta mad-denunzjat b'żewġ modi kif hemm imfisser fis-sub-inċiż (9) għall-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali:

> **(9) Jekk f'xi żmien meta jkun għadu fis-seħħ l-ordni ta'superviżjoni il-qorti li tkun għamlet l-ordni jkun jidhrilha, wara li jsirilha rapport bil-miktub mill-uffiċjal sorveljanti, li l-ħati jkun naqas li jikkonforma ruħu ma' xi ħtieġa li hemm fis-subartikoli (2) u (3), il-qorti għandha ġġiegħel li l-ħati jinġieb quddiemha f'jum stabbilit u f'ħin stabbilit, u jekk il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ħati, tkun sodisfatta li dak in-nuqqas ikun seħħ, hija tista' jew f'każijiet serji jew ripetuti tordna li s-sentenza sospiża mogħtija fil-proċedimenti li fihom ikun sar l-ordni tas-superviżjoni tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjoni tal-ordni, twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).**

Issa minn eżami tal-atti jidher illi l-appellant kien denunzjat darbtejn dwar l-istess Ordni ta' Superviżjoni, darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Natasha Galea Sciberras) minn fejn l-Ordni ta' Superviżjoni oriġinat, u darb'oħra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Joseph Mifsud) li estendiet din l-Ordni ta' Superviżjoni fis-sentenza fl-10 ta' Ġunju 2021. Dan wassal sabiex bdew mexjin kontestwalment żewġ proċeduri fit-termini ta'l-artkolu 28G(9) hawn fuq iċċitat, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta minn żewġ Maġistrati differenti, bid-deċiżjoni li tingħata fuq dawn id-denunzji, li kienu jirriflettu l-istess ksur tal-istess Ordni, minn dawn iż-żewġ qrati, tkun ukoll differenti. Illi fid-deċiżjoni tas-17 ta' Novembru 2022 l-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Joseph Mifsud ikkundannat lill-appellant ammenda ta' €100 għal kull denunzja li kellha quddiemha li kienu tlieta b'kollox, għalkemm f'din id-deċiżjoni l-Qorti tal-Maġistrati iċċitat biss id-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 21(2) tal-Kap.446 u ma tagħmilx referenza ukoll għall-artikolu 28G(9) tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm jidher illi waħda mid-denunzji li saru kienet proprju titratta dan il-ksur[2]. Jingħad ukoll illi l-artikolu 28G(9) jiddisponi illi l-impożizzjoni tal-ammenda ssir **mingħajr ħsara għal kontinwazzjoni tal-Ordni,** sabiex b'hekk,

[2] Ara Dokument SCC a fol.117 tal-atti ippreżentat mill-Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali Stephania Calafato Testa.

allura, il-Qorti tifhem illi bid-deċiżjoni tal-Maġistrat Mifsud, l-Ordni ta' Superviżjoni baqgħet fuq saqajha.

Illi sussegwentement b' deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti tad-29 ta' Marzu 2023, li dwaru sar l-appell odjern, is-sentenza sospiża ta' ħmistax-il xahar priġunerija ġiet attivata u twaqqaf darba għal dejjem l-operat tal-Ordni ta' Superviżjoni.

Dan ifisser illi dwar l-istess fatti u ċioe' dawk elenkati mill-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud, kemm fid-denunzja li ssir minnha quddiem il-Maġistrat Galea Sciberras, kif ukoll dik li ssir quddiem il-Maġistrat Mifsud ingħatat deċiżjoni differenti. Dan qed jingħad għaliex minn daqqa t' għajn lejn ir-rikors ippreżentat mill-imsemmija Uffiċjal quddiem il-Maġistrat Galea Sciberras fl-04 ta' Jannar 2021, u dak ippreżentat quddiem il-Maġistrat Mifsud fit-13 ta' Settembru 2021 il-kontenut huwa kważi identiku bil-motivi wara ż-żewġ denunzji jkunu:

1. Nuqqas ta' kuntatt mal-Uffiċjal tal-*Probation.*
2. Abbuż ta' droga
3. Nuqqas ta' kuntatt ma'l-aġenziji tad-droga sabiex jaħdem fuq il-problema tal-abbuż tad-droga.
4. Nuqqas ta' impjieg regolarizzat

B'żieda ma' dawn in-nuqqasijiet fir-rikors ippreżentat quddiem il-Maġistrat Joseph Mifsud, l-Uffiċjal iżżid tgħid illi l-appellant ma kienx qed jonora l-pjan ta' kura mfassal għalih u kien qed jagħżel li jgħix ħajja kaotika.

Illi stabbilit kwindi illi l-fatti li dwarhom saret id-denunzja quddiem żewġ ġudikanti differenti għal ksur tal-istess Ordni kienu l-istess, jifdal biex jkun determinat jekk il-prinċipju ta'l hekk imsejjaħ *ne bis in idem* japplikax għal każ in diżamina. Dan qed jingħad għaliex id-deċiżjoni dwar jekk is-sentenza sospiża tkunx attivata jew le ma titrattax deċiżjoni dwar sejbien ta' ħtija jew liberazzjoni għal xi reat. Dwar ir-reat li għalih ingħatat is-sentenza sospiża kien hemm diġà deċiżjoni li ma ġietx mibdula jew inkella deċiża mill-ġdid. Id-deċiżjoni kienet unikament tikkonċerna l-fatt jekk is-sentenza sospiża kellhiex tiġi attivata o meno bil-ksur kommess mill-appellant.

Illi f'każ konsimili kien hekk deċiż:

> **Il-fatt li persuna tigi trattata dwar sentenza sospiza w l-Qorti tiddeciedi li testendi l-periodu operattiv tas-sentenza ma jipprekludix Qorti ohra li ssib l-istess persuna hati ta' reat iehor kommess fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza, milli tirrendi operattiva dik is-sentenza sospiza. Altrimenti naqghu fl-assurd li ghax il-Qorti deherilha li kellha testendi l-periodu operattiv ta' sentenza sospiza ghaliex ir-reat iehor sussegwenti kien jikkonsisti fi hsara volontarja, Qorti ohra li ssib hati lill-istess persuna ta' omicidju volontarju kommess fil-periodu operatttiv tas-sentenza sospiza ma tkunx tista' tirrendi operattiva dik is-sentenza sospiza. Fil-fatt li Qorti tittratta darbtejn jew aktar dwar l-istess persuna in konnessjoni mal-istess sentenza sospiza, ma hemm l-ebda element ta' "ne biss in idem" anzi din hi haga mill-aktar normali. Dik il-persuna tkun giet ipprocessata darba ghar-reat li dwaru inghatat is-sentenza sospiza. Meta l-Qorti terga tittratta dwaru in konnessjoni mall-istess sentenza sospiza, ma tkunx qeghda tipprocessah mill-gdid ghar-reat originali, kull ma tkun qed taghmel tkun li qeghda tezamina jekk il-kondizzjoni ghas-sospensjoni tas-sentenza gietx miksura u, fl-eventwalita' li tirriskontra tali ksur ma hemm xejn fil-ligi x' jippreludiha milli tirrendi operattiva dik is-sentenza anki jekk Qorti ohra dwar reat differenti kommess fil-periodu operattiv ta' dik is-sentenza deherilha li in virtu' tan-natura ta' dak ir-reat differenti ma kellhiex tirrendi operattiva s-sentenza u minnflok deherilha li kellha testendi dak il-periodu operattiv. Anqas f' dan l-eghmil ma hemm l-elementi ta' "ne biss in idem".**
>
> **Madanakollu, una volta stabilit li gie kommess reat iehor punibbli bi prigunerija fil-kors tal-periodu operattiv tal-ordni tas-sentenza sospiza, jekk minhabba f'hekk dik is-sentenza sospiza tigi attivata, certament m'huwiex il-kaz li f'kazijiet sussegwenti fejn ic-cirkostanzi huma simili, cioe' fejn jirrizulta ksur tal-istess sentenza sospiza, jerga' jigi riattivat dak li fil-fatt huwa gja attivat.**[3]

Issa fis-sentenza ċċitata għalkemm kien deċiż illi f'każ ta' żewġ deċiżjonijiet fejn f'waħda is-sentenza sospiża ġiet attivata u fl-oħra baqgħet fuq saqajha u kienet estiża, ma wassalx għal preġudizzjali tan-*ne bis in idem*, madanakollu l-ksur kien wieħed differenti billi il-ġudikabbli f'dak il-każ kien mixli li kiser l-Ordni għal darbtejn bil-kummissjoni ta' reati ġodda. F'dan il-każ id-denunzja fiż-żewġ każijiet kienet titratta l-istess fatti u l-istess ksur, b'ġudikant wieħed jiddeċiedi li s-sentenza ma kellhiex tiġi attivata, bl-Ordni ta' Superviżjoni tibqa' fuq saqajha u bil-ġudikabbli kkundannat għal

[3] 23/01/2003 - Appell Inferjuri - IL-PULIZIJA (SPT.J.AGIUS) vs CASSAR GREZZJU SIVE HORACE SIVE LOUIS li ġġamlet referenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali Ivan Fenech vs Avukat Ġenerali deċiża fl-04 ta' Awwissu 1999

ħlas tal-ammenda għal ksur minnu kommess, u b'ġudikant ieħor jiddeċiedi, għal dan l-istess ksur identiku, illi s-sentenza sospiża kellha tiġi fis-seħħ u l-Ordni imwaqqfa minnufih.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel aggravju tal-appellant jistħoqqlu akkoljiment, b'dan għalhekk illi ġaladarba l-proċeduri tad-denunzja kienu ġew determinati permezz tad-deċiżjoni tal-Maġistrat Joseph Mifsud tas-17 ta' Novembru 2022, l-Ewwel Qorti, (għalkemm injara minn dan il-fatt għaliex ħadd ma ġibdilha l-attenzjoni għalih) ma setatx tgħaddi biex għal darb'oħra tagħti sanzjoni mill-ġdid għall-istess ksur identiku.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Malone Debono, tiddikjara kemm id-deċiżjoni appellata kif ukoll il-proċeduri ta' denunzja li saru quddiem l-Ewwel Qorti bħala nulli u bla effett fil-liġi, b'dan illi s-sentenza sospiża ta' ħmistax-il xahar priġunerija, kif ukoll l-Ordni ta' Superviżjoni għandhom jibqgħu jiddekorru għal perijodu operattiv li baqalhom, u ċioe' sal-10 ta' Ġunju 2024. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

Notifika: Direttur Probation Services.